

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2014/C 360/03)



Il-wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida ta' 2 euro biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Istat tal-Belt tal-Vatikan

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro kollha. Il-Kummissjoni tippubblika d-disinn l-ġodda kollha tal-muniti tal-euro bil-ħsieb li tinforma lill-partijiet kollha kkonċernati li jkollhom jużaw il-muniti f'xogħolhom kif ukoll biex tinforma lill-pubbliku b'mod ġenerali⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009⁽²⁾, l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jstipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħroġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, partikolarment li d-denominazzjoni ta' EUR 2 biss tintuża. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Stat li qed joħroġ il-munita: L-Istat tal-Belt tal-Vatikan

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-25 Anniversarju tal-waqa' tal-ħajt ta' Berlin

Deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri fuq quddiem xi kantuni tal-Ħajt ta' Berlin, parzjalment imwaqqa', li fuqhom tidher il-kitba bit-Taljan "XXV ANNIVERSARIO DEL CROLLO DEL MURO DI BERLINO 1989 2014". Fin-nofs, bejn il-kantuni u biċċa barbed wire, tidher fergħa taż-żebbuġ u, fl-isfond, il-Bieb ta' Brandenburg. Fuq nett, il-kitba "CITTÀ DEL VATICANO".

Id-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera tal-Unjoni Ewropea.

L-għadd ta' muniti li għandhom jinħarġu: 103 000 munita

Data tal-ħruġ: Ottubru 2014

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).